MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 71/2009

**A B C D E**
**vs**
**F G H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet hekk:

1. Illi l-attrici u l-konvenut F G H izzewgu fl-20 ta' Dicembru 1998, fir-Registru Pubbliku ta' Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens ta' l-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti iccelebrat fl-20 ta’ Dicembru 1998, fir-Registru Pubbliku ta’ Malta kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ mod generali, u b’ mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta’ l-istess Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li biha rrisponda:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel illi z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett kollha tal-Ligi, u dan in vista ta’ nuqqasijiet u vizzji da parti taz-zewg partijiet, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi jsegwi ghalhekk illi l-eccipjenti ma ghandux jigi kkundannat ihallas ebda spejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-20 ta' Dicembru 1998 huwa null fil-ligi, minhabba li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu, il-konvenut jaderixxi ghal din it-talba, izda jikkontesta l-kap ta' l-ispejjez.

**Il-Fatti**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Dicembru 1998 meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 26 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa erba [4] snin. Wara konvivenza ta' circa tmien [8] snin il-partijiet isseparaw meta l-attrici telqet mid-dar konjugali ghax ma felhitx tkompli tghix ma' zewgha l-konvenut. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tghid li sa minn qabel iz-zwieg il-konvenut kien johodha "for granted" u kien diga' juri li kien hemm diffikulta' sabiex jizviluppaw relazzjoni bejniethom. Huma kienu jahdem flimkien, u ghalhekk kienu jkunu l-hin kollu flimkien, izda l-konvenut kien inkapaci, anke f' dak l-istadju li jirrelata emozzjonalment ma' l-attrici, allura l-gharusa tieghu. Hi tghid li, minnkejja dan, hija kienet thobbu hafna, u ghalhekk, f' dak iz-zmien, kienet titraskura dan il-komportament tal-konvenut.

Tghid ukoll li circa sitt xhur qabel iz-zwieg, l-attrici kienet skopriet li l-konvenut kien qed johrog ma’ tfajla ohra, klandestinament; izda tant kienet thobbu l-attrici, li haffritlu, u, wara ftit, ghaddset rasha u zzewgitu.

L-attrici tghid li wara z-zwieg is-sitwazzjoni aggravat billi l-konvenut, allura zewgha kien ihalliha hafna waheda, u, meta kien ikun id-dar ma kienx jaghti kazha. Tajt li l-att konjugali kien isir meta kien ikollu aptit zewgha biss, u meta kienet tavvicinah hi, hu kien jirrifjuta li jaghmel l-att taz-zwieg. L-attrici tghid li meta kienet tavvicinah hi, il-konvenut kien “dejjem” jirrifjuta. Dan l-egoizmu da parti tal-konvenut, u n-nuqqas tieghu li jirrelata ma’ martu fiz-zwieg, wassal sabiex il-partijiet birdu fir-relazzjoni taghhom, u r-relazzjonijiet intimi waqqfu. F’ din is-sitwazzjoni, l-attrici hasset li ma felhitx tghix aktar mal-konvenut, u ghalhekk telqet mid-dar konjugali.

Minn naha tieghu,il-konvenut in sostanza jikkonferma l-verzjoni ta’ l-attrici. Huwa jammetti li ma kienx jaqdiha a dovere fiz-zwieg. Ammetta wkoll ir-relazzjoni klandestina tieghu qabel iz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lix-xhieda ta’ l-attrici, li wara kollox issib konfort anke fix-xhieda tal-konvenut.

Il-Qorti tirravviza f’ dan il-kaz il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat fil-konfront tal-konvenut li wera li fiz-zwieg huwa kien inkapaci li jirrelata ma’ l-attrici bhala martu u jibni maghha komunjoni ta’ hajja u ta’ mhabba. Apparti minn hekk l-egoizmu tieghu, anke fl-affarijiet l-aktar bazici fiz-zwieg bhal ma’ hu l-att konjugali, kien irrendih inkapaci li jghix ma’ martu f’ unjoni diretta lejn il-benessere reciproku, u kien ta’ ostakolu serju ghalih sabiex jaghti lilu nnifsu fit-totalita’ tieghu lill-attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ Dicembru 1998.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------